MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2013

Numru. 274/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR CHRIS PULLICINO**

**VS**

**WAYNE DELIA**
**CHRISTOPHER PHILIP AGIUS**
**JOSEPH BARBARA**
**JOSHUA GATT**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Wayne Delia, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 574785M, l-imsemmi Christopher Philip Agius, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 20102L, l-imsemmi Joseph Barbara, detentur tal-

Karta tal-Identita` numru 36291M u l-imsemmi Joshua Gatt, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 96589M.

**Akkuzati talli:**

F'xi hin matul il-lejl ta` bejn is-6 u s-7 ta` Frar, 2011:

1. Gewwa l-Marsa, mill-istabbiliment bl-isem 'Scan', ikkommettew serq ta` diversi oggetti liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u sar ghad-dannu ta` Mario Scerri u/jew persuna/i ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara hija aktar minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu tal-Ewro ghad-dannu ta` d-dirigenti tal-istess stabblilment u/jew persuna/i ohra;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Lil Wayne Delia u Christopher Philip Agius wahedhom akkuzati wkoll talli f'xi hin matul il-lejl ta` bejn l-4 u l-5 ta` Frar, 2011:

1. Gewwa l-Marsa, ikkommettew serq ta` vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAC 284 tat-tip Ford Transit u diversi oggetti ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u

tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa u sar ghad-dannu ta` Jonathan Camilleri u/jew persuna/i ohra;

Lil Wayne Delia wahdu akkuzat ukoll talli:

1. Fl-istess dati, hinijiet, lokijiet u c-cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, b'diversi sentenza moghtija mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

2. Fl-istess dati, hinijiet, lokijiet u cirkostanzi, kiser il-provedimenti ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta ta` sentenza datata 25 ta` Lulju, 2008, fej hu kien gie misjub hati ta` reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin;

3. Fl-istess dati, hinijiet, lokijiet u cirkostanzi, kiser il-provedimenti ta` l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta ta` sentenza datata 12 ta` Novembru, 2010, fejn hu kien gie misjub hati ta` reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2);

Lil Joshua Gatt wahdu akkuzat ukoll talli:

1. Fl-istess dati, hinijiet, lokijiet u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta ta` sentenza datata 20 ta` Marzu, 2009, fejn hu kien gie misjub hati ta` reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2);

Il-Qorti rat l-Artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u l-provi prodotti;

Rat il-Fedina Penali netta tal-imsemmija Wayne Delia, Christopher Philip Agius, Joseph Barbara u Joshua Gatt;

**Ikkunsidrat:**

Fil-konfront ta` Wayne Delia, il-Qorti rat l-imputazzjonijiet li Wayne Delia kien gie akkuzat bihom mill-Prosekuzzjoni u semghet ix-xhieda taht il-gurament. Il-Qorti semghet ukoll lil Brian Camilleri u Vicky Scicluna jixhdu dwar l-andament tal-imputat li kien qieghed jaghmel kors volontarju sabiex ifieq mill-vizzju tad-droga, fejn huma kkonfermaw li kien sejjer tajjeb u kien qieghed johrog mill-vizzju tad-droga. Il-Qorti innotat ukoll li dan l-ahhar huwa kellu tarbija.

Fir-rigward tal-piena dina l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni u tikkundannah ghal-terminu ta` hmistax (15) il-xahar prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu li huwa ghamel taht arrest preventiv.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat Delia.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------